MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1281/2002

**Karl Gialanze' u Michelle Caruana Dingli nee' Gialanze`**

**-vs-**

**Godfrey Gialanze'; Michael Gialanze' u b'digriet tat-12 ta' Diċembru 2012 l-atti ġew trasfużi f'isem Rita Gillian Gialanze' mart l-istess Michael Gialanze' li miet fil-21 ta' Settembru 2012; Joseph Gialanze'; u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2010 l-atti gew trasfużi f'isem Maria Carmela Gialanze' nee' Xuereb, Erika Gialanze' u Roberta Attard *proprio* u in rappreżentanza ta' wliedha Isaac u Timothy Gialanze' *stante* li l-istess Joseph Gialanze' miet fl-4 ta' Marzu 2008; Myriam Farrugia nee' Gialanze'; Dorothy Xuereb nee' Gialanze' u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2010 l-atti gew trasfużi f'isem George Victor Xuereb bħala kuratur ta' Veronique Xuereb *stante* li l-istess Dorothy Xuereb mietet fil-15 ta' Gunju 2006; u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2013 l-istess George Victor Xuereb assuma wkoll l-atti**

**f'ismu proprju; u Wilfred Gialanze'; u l-konjuġi tagħhom għal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi b'testment *unica charta* datat 27 ta' Settembru 1983 fl-Atti tan-Nutar Anthony Gatt (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok "A"), il-partijiet huma lkoll l-eredi universali tal-mejtin John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze' nee' Agius;

Illi l-kontendenti konvenuti huma eredi fil-kwota ta' settima ($^1/_7$) kull wieħed mill-wirt u li l-atturi flimkien huma eredi tar-rimanenti settima ($^1/_7$) parti tal-wirt tal-mejtin John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze';

Illi l-patrimonju tal-imsemmija mejtin John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze' nee' Agius jikkonsisti fis-segwenti: il-fond numru wieħed u erbgħin (41) ittra "B", Marsamxett Road, Valletta; il-fond numru tmienja u sittin (68) Gunlayer Street, Floriana; il-fond numru sebgħa u ħamsin (57) Pace Street, Sliema; il-fond numru mija disgħa u erbgħin (149) Archbishop Street, Valletta; il-fond "Saint Luke" u "Saint Ġwakkin" mniffdin, Għajn Dwieli Road, Paola; il-fond "San Pawl", Għajn Dwieli Road, Paola; il-fond numru wieħed u għoxrin, (21) Safe Haven Street, Senglea; il-flat numru wieħed (1) u numru tnejn (2), fil-fond numru tnejn u għoxrin (22) Safe Haven Street, Senglea; il-fond numru tlieta u għoxrin (23) Safe Haven Street, Senglea; il-fond numru erbatax (14) Carmel Street, San Pawl il-Baħar; il-fond numru ħamsa u għoxrin (25) Saint Publius Street, San Pawl il-Baħar; kif ukoll ta' oġġetti mobbli ta' valur u assi bankarji;

Illi l-atturi qatt ma aċċettaw il-wirt tal-imsemmija John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze' nee' Agius, u dan minkejja li saru d-debita dikjarazzjonijiet *causa mortis* u

deher Godfrey Gialanze' bi prokura verbali allegatament mogħtija lili mill-kontroparti attriċi;

Illi l-atturi qatt ma taw prokuri għal xi dikjarazzjoni *causa mortis* u ma jaqblux mal-valuri mogħtija fuq id-dikjarazzjonijiet magħmulin it-tnejn in data 22 ta' Marzu 1993 (kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dok "C" u "D");

Illi l-massa ereditarja qatt ma ġiet diviża bejn il-kontendenti;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu in komunjoni mal-konvenuti;

Illi l-konvenuti nterpellati ġudizzjarjament diversi drabi mill-atturi (kopja hawn anness u mmarkata bħala Dok. "B") baqgħu ma resqux għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-wirt tal-imsemmija mejtin John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze', u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet suesposti, u prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, m'għandhiex:

1. Tiddikjara, b'opera ta' periti nominandi f'hiex tikkonsisti l-massa ereditarja ta' John Gialanze' u Carmelina Gialanze' nee' Agius, bil-valur relattiv ta' kull oġġetti;

2. Tillikwida u tiddividi l-eredita' tal-mejtin John Gialanze' u martu Carmelina Gialanze' nee' Agius b'opera ta' periti nominandi u dan sabiex kull wieħed mill-kontendenti jirċievi s-sehem lilu spettanti skond it-testment *unica charta* hawn fuq imsemmi;

3. Jekk ikun il-każ, tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-immobbli fuq imsemmija jekk dawn ma jirriżultawx komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, inkluż okkorrendo, b'oblaturi estraneji;

4. Tassenja a favur tas-sitt konvenuti l-ishma dovuti rappreżentanti settima ($^1/_7$) parti mill-wirt, u a favur taż-żewġ atturi żewġ (2) ishma rappreżentanti proporzjon

ta' wieħed minn erbatax sehem ($^1/_{14}$) mill-istess wirt, bi ħlas ta' kull ekwiparazzjoni jekk ikun il-każ;

5. Tappunta nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni relattiv kif ukoll kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti fuq dak l-att.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2003, li permezz tagħha eċċepew:

Illi salv il-verifika tat-testment in kwistjoni li attwalment huwa l-aħħar testament tad-deċuji (u dan qed jingħad in vista tal-fatt li jidher li l-atturi m'għamlux ir-riċerka solita biex jistabbilixxu li dak hu attwalment l-aħħar testament), l-esponenti jiddikjaraw li lanqas huma ma jixtiequ jibqgħu in komunjoni mal-atturi u għaldaqstant jaqblu li l-assi diviżibbli tal-mejtin ġenituri tagħhom jiġu diviżi u assenjati *ai termini* tal-liġi u kollox *ai termini* tat-testmenti tal-istess, u skrupolożament skond kif minnhom ordnat, u *ai termini* tal-liġi.

Illi in subsidju u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri *stante* illi l-esponenti qatt ma ċaħħdu lill-atturi mid-drittijiet tagħhom u qatt ma għamlu xejn biex jimpedixxu l-qasma relattiva, anzi saħansitra kienu stiednuhom biex jiltaqgħu sabiex wara li jiġu stabbiliti l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-eredita' relattiva, tkun tista' ssir l-eventwali qasma.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat id-digriet tal-Qorti li permezz tiegħu ġie nominat bħala espert tekniku l-perit arkitett AIC Godwin Abela, u sussegwentement ir-rapport tiegħu debitament maħluf;

Rat in-nota li permezz tagħha l-partijiet kollha, *eccetto* Roberta Attard għan-nom ta' wliedha minuri, indikaw li kienu jaqblu mal-abbozz tad-diviżjoni redatt minn Nutar Dott. Rosalyn Aquilina preżentat *tramite* l-istess nota;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2013 li permezz tiegħu il-kawża ġiet differita biex l-istess konvenuta tindika jekk kienitx taqbel mad-diviżjoni kif proposta;

Illi wara li rat illi l-konvenuta baqgħet ma ndikatx jekk taqbilx mal-istess, il-Qorti jidhrilha li l-abbozz u l-istimi ndikati huma ġusti u jimmeritaw li jkunu adottati;

**DEĊIŻJONI**

**Tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-qasma issir skond l-abbozz imsemmi u esebit, a fol 211 *et sequitur*, tal-proċess u li l-kuntratt finali għandu jiġi pubblikat nhar is-26 ta' Ġunju 2013 f'nofsinhar fl-edifiċċju tal-Qorti jew f'xi data oħra li tiġi ffissata mill-Qorti fuq it-talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew minn Nutar Dottor Rosalyn Aquilina li qed tiġi nominata biex tippubblika l-istess kuntratt; il-Qorti tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------